MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 433/2012

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo b'digriet tat-3 ta' Jannar 2013 gew mahtura kuraturi deputati tal-assenti C D u fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2013 il-konvenut C D assuma l-atti personalment u b'digriet tas-16 ta' Ottubru 2013 il-kuraturi deputati qed jigu estromessi**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**

Rat ir-rikors tal-attrici li permezz tieghu wara li ppremettiet:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta’ Dicembru, 2004 f’Irbid fil-Gordan liema zwieg gie registrat Malta;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ebda ulied;

3. Illi l-partijiet ilhom de facto separati diversi snin ilu (zgur li izjed minn erba' snin) u minn dak iz-zmien qatt ma regghu rrikonciljaw;

4. Illi l-esponenti ntavolat procedura ta' Medjazzjoni (Ittra Nru. 388/12) skont il-ligi, ghal-liema medjazzjoni attendiet biss l-esponenti u l-istess medjazzjoni nghalqet fil-5 ta' Gunju, 2012;

5. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi huma ilhom snin twal mifrudin u llum il-gurnata huma ghandhom hajja totalment separati minn xulxin tant illi ilhom iz-zmien ma jiltaqghu;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligjijet ta' Malta;

Talbet illi din il-Qorti:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat illi b’digriet tat-3 ta’ Jannar 2013 innominat kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti konvenut.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati tat-18 ta’ Frar 2013 li permezz taghha ddikjaraw li mhumiex edotti mill-fatti.

Rat li fl-udjenza tas-16 ta’ Ottubru 2013 deher il-konvenut personalment u assuma l-atti minflok il-kuraturi deputati li

b'digriet tal-istess data gew estromessi minn dawn il-proceduri.

Semghat ix-xhieda tal-partijiet fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2013.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

Fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2013 xehdu l-partijiet u kkonfermaw l-kontenut tar-rikors promotur.

Ikkunsidrat;

Mill-provi orali u dokumentarji jirrizulta s-segwenti.

Il-partijiet izzewgu fil-5 ta' Dicembru 2004 fil-Gordan liema zwieg gie registrat hawn Malta u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied.

Jirrizulta wkoll illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba' snin.

Il-partijiet xehdu li ma hemm l-ebda assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti li ser tigi fi tmiemha bil-pronunzjament tad-divorzju, li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u li ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar hlas ta' manteniment peress li m'ghandhomx pretensjonijiet kontra xulxin f'dan ir-rigward.

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet.

Ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------